**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 14 ta' Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 152 / 15RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B f'isimha proprju u ghan-nom u fl-interess**
**ta' binha minuri C B u dan permezz ta' digriet**
**datat 30 ta' Settembru 2015**
**vs**
**D B;**
**E F; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fis-7 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti qieghda tressaq din il-kawza ghaliex il-konvenut D B m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri C B, hekk kif jindika id-DNA Paternity Test li sar ricentement;

2. Illi minhabba l-presunzjoni 'iuris tantum' li hemm fil-Ligi, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra bhala l-missier fuq l-att tat-twelid lil zewg ir-rikorrenti u cioe' l-intimat D B.

3. Illi ghalhekk fl-Att tat-Twelid tal-minuri ghandu jigi iddikjarat li E F huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C;

4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghda tressaq din il-kawza halli din il-Qorti, anke permezz tal-hatra ta' Perit nominat mill-Qorti, tiddikjara li D B m'huwiex il-missier tal-minuri C B u li hu E F il-missier u halli tordna li-Direttur tar-Registru Pubbliku halli jaghmel l-emendi opportuni fl-att tat-twelid relattiv;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-konvenut D B m'huwiex il-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B u dana anke permezz tal-hatra ta'perit nominand.

2. Tiddikjara illi l-konvenut E F hu l-missier naturali u bijologiku ta' C B.

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 2813 tas-sena 2015 hawn anness u dana bill fil-hames kolonna tal-istess Att jitnehha D B bhala l-missier u jitnizzel E F bhala 1-missier;

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-intimati jew min minnnhom minn is sa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D B li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti jaqbel li mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri C B stante li A B ikkommettiet adulterju li minn din ir-relazjoni twieled 1-istess minuri;

Illi ma hemmx oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li D B mhux il-missier bijologiku tal-minuri C B u li E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri, u sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel korrezzjonijiet fl-att ta’ Twelid numru 2813 tas-sena 2015 u kull haga ancillari sabiex tigi regolarizata il-posizzjoni;

Illi l-ispejjez kollha, nkluz dawk tat-test tal-paternita' ghandhom jigu soportati mir-rikorrenti stante li hi kkommettiet l-adulterju u l-konsegwenzi huma rizultat ta' nuqqasijiet imputabbli lilha.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi in linea preliminari ukoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gumata qabel it-twelid tal-minuri C B, ir-rikorrenti kellha relazzjoni extramaritali ma’ E F, u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lil intimat D B, bhala 1-missier naturali tal-imsemmi minuri, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri C B, ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tmien mija, u tlettax (2813) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

5. Illi in kwantu ghar-raba' talba tar-rikors in risposta, l-esponenti tirrileva illi gjaladarba hemm Att tat-Twelid ippubblikat, qatt ma jista' jigi ppubblikat Att tat-Twelid gdid, izda jekk din l-Onorabbli Qorti tordna li l-imsemmi minuri C B jigi kkunsidrat bhala l-wild naturali u bijologiku ta' E F, ghandha tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid li jsir permezz ta' annotazzjoni fuq l-istess Att tat- Twelid.

6. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponenti naturalment mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni dwar il-paternita' tal-minuri C B hija tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

7. Illi ghalkemm ir-rikorrenti ipprezentat r-rapport ta' testijiet genetici ai termini tal- Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindika li l-missier naturali tal-minuri C B huwa E F, dan l-imsemmi rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekninku Dr. Marisa Cassar.

8. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut E F, sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha

tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) in-numru tal-karta tal-identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta tieghu meta twieled il-minuri C B, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsernmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled il-minuri C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit C B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tmien mija, u tlettax (2813) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

9. Illi bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedi b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri C B a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li:

11. Jigu mnehhija l-kelmiet ‘the said' li jinsabu qabel isem D B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar 1-omm mill-Att tat-Twelid ta' C B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tmien mija, u tlettax (2813) tas-sena elfejn u hmistax (2015);

12. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m' ghandiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tat-30 ta’ Settembru 2015 li permezz tieghu innominat bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B lill-attrici A B.

Rat in-nota tal-konvenut E F (fol. 29) li permezz taghha ressaq il-konnotati personali tieghu.

Rat l-affidavit ta’ Christopher Farrugia, il-Konsulent tax-Xjenza Forensika (fol. 30) u r-ritratti annessi.

Semghat ix-xhieda tal-attrici waqt l-udjenza tal-24 ta’ Novembru 2015.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Fl-affidavit tieghu il-Konsulent Xjentifiku Forensiku Christopher Farrugia xhed illi huwa ppreleva kampjuni orali minn fuq l-attrici A B u l-minuri C kif ukoll minn fuq il-konvenuti D B u E F. Jghid illi l-kampjuni minnu pprelevati gew sigillati fil-presenza tal-persuni imsemmija u mghoddija lil Dr Marisa Cassar ghall-analizi u tqabbil tal-profili genetici. F'rapport datat 17 ta' Gunju 2015 Dr Marisa Cassar iccertifikat illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali tal-minuri C.

Fl-affidavit taghha (fol. 14) l-attrici xhedet illi hija bdiet ir-relazzjoni taghha mal-konvenut E F f'Settembru tas-sena 2014, liema relazzjoni ghadha ghaddejja sallum. L-attrici u l-konvenut B qeghdin fil-process li jisseparaw formalment. Tispjega illi l-minuri C twieled mir-relazzjoni intima li hija kellha ma' E F. Fix-xhieda minnha moghtija fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2015 hija spjegat illi fil-bidu r-relazzjoni taghha ma' E F ma kinitx fl-apert peress li kienet mizzewga. Izda gimgha biss wara li weldet lill-minuri fis-26 ta' Mejju 2015 hija marret tikkoabita ma' E F, missier it-tifel.

**Konsiderazzjonijiet**.

In tema legali ghandu jinghad illi l-azzjoni odjerna istitwita minn omm mizzewga kontra r-ragel taghha u kontra l-allegat missier naturali tal-minuri ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**Artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.
3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li dawn it-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposti guramentati tad-Direttur Registru Pubbliku u tal-konvenut D B, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut D B ma hux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut E F huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C B.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna li fl-att tat-twelid tal-imsemmi minuri jitnehha isem il-konvenut C B u l-konnotati kollha tieghu u minflok jitnizzel isem il-konvenut E F u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw fin-nota a fol. 29 tal-process; tordna t-tnehhija tal-kelmiet "the said" minn fuq l-att tat-twelid; u tordna li l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom "F B".

4. Tichad ir-raba' talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici A B u l-konvenut E F in solidum bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**